MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Numru. 322/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**Vs**

**Christian Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christian Ellul ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena, iben il-mejjet Alexander u Carmen neè Bonello, imwieled il-Pietà fit-13 ta’ Mejju 1989 u residenti gewwa Dar Niki Cassar, Triq San Pawl, Valletta (YMCA), detentur tal-Karta ta’ l-Identità Numru 224089(M), talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Lulju 2014 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

1. Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art.8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Sar recediv b'sentenza tal-Qorti, presjeduta mill-Magistrat Dr.E.Grima fis-16 ta' Settembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra u dan ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur l-ispejjez kollha jew parti minnhom li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju ta' l-Inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri;

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta li bih ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriinali biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dan minkejja il-fatt li a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Lulju 2014 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data: (i) ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art.8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta; u aktar talli b'hekk (iii) sar recediv b'sentenza tal-Qorti, presjeduta mill-Magistrat Dr.E.Grima fis-16 ta' Settembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra u dan ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi kollha hekk dedotti kontrih .

Ghall-finijiet ta' piena, anke in kwantu rigwarda l-akkuza tar-recidiva, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li ghalkemm kien qed jipprova jkabbar dawn il-pjanti tal-*Cannabis*, hemm il-possibilità li l-ghan ahhari tieghu ma kienx ser jigi milqugh.
Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 8(c) u (d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija **u** ghall-hlas ta' multa ammontanti ghal €466.00.

B'referenza ghall-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna li l-multa imposta fuq l-imputat tithallas minnu fi zmien xahar wara li jiskonta t-terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska u konsegwenti distruzzjoni tal-pjanti tal-*Cannabis* mertu ta' dan il-kaz.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hlas ta' spejjez relattivi ghall-hatra ta' esperti u dan skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba peress li ma tressqux provi dwar tali hatra u konsegwenti spejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------